MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2008

Avviz Numru. 16/2008

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

1. **Anton Borg (I.D. nru 264759 M)**
2. **Karen Borg (I.D. nru 631862 M)**

Il-Qorti,

Rat l-avvizipprezentat mill-Bank attur fis-16 ta' Jannar, 2008 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' sebat elef, erba' mija u ghaxar Euro u hamsa u ghoxrin Ewro centezmi (€7,410.25) ekwivalenti ghal tlett elef, mija u wiehed u tmenin liri Maltin u tnejn u ghoxrin centezmi (Lm3,181.22) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" taghhom mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A" u Dok "B1 sa B3") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-2 ta' Jannar 2008 sad-data ta' l-effettiv pagament, liema loan gie moghti lill-konvenuti permezz ta' skrittura privata datata fis-27 ta' Gunju 2002 (Dok "C").

U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata hawn fuq indikat u cioe' Dok "C" partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti Anton u Karen mizzewgin Borg (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi skrittura, u (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess skrittura sopraindikata, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilta' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenuti ddekadew mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata fl-4 ta' Ottubru 2007 (Dok "D") u tal-Mandat ta' Sekwestru li gie pprezentat kontestwalment kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat il-verbal tat-18 ta' Frar 2008 fejn il-konvenuti ammettew it-talba u kkonfermaw l-istat solidali tad-dejn taghhom, ghad li ma qablux bejniethom dwar min kellu jhallas l-ispejjez tal-kawza. Dan in-nuqqas ta' qdil m'ghandux rilevanza ghal fini ta' din il-kawza.

Ghalhekk fuq l-iskorta ta' din l-ammissjoni, l-Qorti tilqa' t-talba tal-bank attur u tikkundanna lill-konvenuti solidalment li jhallsu lill-istess bank attur is-somma ta' €7,410.25 (Lm3,181.22) bilanc ta' debitu fil-loan account datat 27 ta' Gunju 2002 flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-2 ta' Jannar 2008 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali wkoll solidament kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------